MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-12 ta' Awwissu, 2014

Numru. 754/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Godwin Scerri)**

**vs.**

**Milan Glusec**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Milan Glusec ta’ 26 sena, iben Milan u Milena xebba Lazic, imwieled Srpsko, Serbia, nhar is-17 ta’ Lulju 1988, residenti temporanjament gewwa Oceanus Apts. Flat 100 Blk D, Triq it-Tamar, San Pawl il-Bahar, detentur ta’ Passaport Serb bin-numru: 9516464

Akkuzat talli:

1. Nhar il-11 ta’ Awwissu 2014 ghal habta tad-9:15 ta’ filghodu minn gewwa l-istabbiliment Shop Inn Supermarket sitwat fi’ Triq it-Turisti, San Pawl il-Bahar ikkometta serq ta’ whiskey

u dan ghad detriment ta' Annette Bonello, bi ksur ta' *Artikolu 284 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta*.

2. Akkuzat ukoll talli fix-xhur ta' Lulju u Awwissu tal-2014 laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, u cioe ghodda mekkanika li kienu mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta u dan bi ksur ta' Artikolu 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali bis-sahha ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali, sabiex dan il-kaz jigi ttrattat bil-procedura sommarja, u wara li rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Rat li l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Il-Qorti wissiet lill-imputat Milan Glusec bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni tieghu u senjatament li l-piena massima ghall-imputazzjonijiet dedotti kontrih twassal ghal piena ta' tliet snin u tliet xhur prigunerija, u wara li l-Qorti tat lill-imputat hin adegwat biex jikkonsulta mal-Avukat difensur tieghu u jara jekk iridx jirrevedi l-posizzjoni tieghu, l-imputat rega' kkonferma l-ammissjoni tieghu.

Wara li semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena. Waqt din it-trattazzjoni, l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-oggetti li l-imputat inqabad jisraq *in flagrante* flixkun whiskey minn hanut u l-ghodda mekkanika giet misjuba mill-Pulizija fi tfittxija fir-residenza tieghu. Billi dawn l-oggetti kienu fil-pussess tal-pulizija setghu jigu ritornati lil sidhom.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta' l-imputat stess, il-Qorti ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmulha mill-imputat u l-fatt li huwa ikkopera mal-pulizija. Pero irid jinghad ukoll li l-imputat inqabad *red handed* jisraq minn hanut, u l-pulizija sabet l-ghodda mekkanika misruqa wara tfittxija fir-residenza tal-imputat.

Il-Qorti ikkonsidrat ukoll li l-valur ta' l-oggett misruq mill-hanut kien ta' bejn ghoxrin Euro (€20) u hamsa u ghoxrin Euro (€25.00). Peress li l-Prosekuzzjoni ma gabitx prova konkreta tal-valur ta' dan l-oggett, il-Qorti sejra tati l-beneficcju tad-dubbju lill-imputat u se tikkunsidra li l-oggett misruq ma kienx jiswa aktar minn tlieta u ghoxrin Euro u disa' u ghoxrin centezmu (€23.29). L-ghodda mekkanika misruqa li instabet fil-pussess tal-imputat tiswa tminn mitt Euro (€800.00) (ara Dok GS5).

Ghalkemm il-fedina penali hija netta, mill-istqarrija tal-imputat jirrizulta li l-imputat ilu biss circa erba' (4) xhur hawn Malta. L-imputat ghandu sitta u ghoxrin (26) sena, u ghalhekk ma jistghax jitqies xi adoloxxent immatur. In vista tal-fatt li minkejja li ilu hawn Malta biss dawn il-ftit xhur, l-imputat ikkommetta zewg reati, il-Qorti hija tal-fehma li l-imputat ghandu jahsad dak li zergha f'termini ta' piena, u ghandu jinghata piena karcerarja effettiva. Dan ghandu iservi wkoll bhala deterrent ghal nies barranin ohra li jigu Malta biex jisirqu jew jikkommettu reati.

Il-piena tal-imputat ghandha ai termini tal-Artikolu 337(2) tal-Kodici Kriminali titnaqqas b'zewg gradi stante li l-imputat irritorna lura l-oggetti misruqa lil pulizija qabel bdew dawn il-proceduri kriminali – anke jekk fic-cirkostanzi tal-kaz odjern, l-imputat inqabad *in flagrante*.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 284, 334(a), 279(a), u 337(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u tikkundannah ghal piena karcerarja effettiva ta' sitt (6) gimghat.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------